***Kunsill Lokali Marsaskala***
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 24**

**It-Tnejn 12 ta' Lulju 2021.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Errol Cutajar - Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Viċi Sindku ser tmexxi l-laqgħa fl-assenza tas-Sindku.

24.1 ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

24.2 ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 22 li saret Nhar l-Erbgħa 24 ta' Marzu 2021:***

24.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud talab biex tiġi emendata paġna 3 paragrafu 22.2.7, l-ewwel paragrafu fejn għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud 21.3.1 paġna 4 qal illi konna qbilna biex naraw nsibux resident li jkun interssat biex ikun fis-Sotto kumitat tal-Kumitat tar-Riċiklaġġ.*

Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati bħala dokument korrett u l-Kunsillier il-Perit John Schembri ssekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

24.2.2 ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 23 li saret Nhar it-Tnejn 17 ta' Mejju 2021:***

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u l-Kunsillier il-Perit John Schembri ssekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

24.2.2 **Matters arising:**

**Laqgħa Nru 22 tal- 24 ta'Marzu 2021**

24.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 paragrafu 22.2.5 x ħa jsir xogħol fuq il-magħluq għaliex ix-xogħol jidher li waqaf.

Il-Viċi Sindku spjegat li dan kien qed jsir ix-xogħol imma kellhu jieqaf minħabba li ż-żmien ma kienx addatta minħabba l-bużaqqa u anke kien hemm *schedule of works* li kienet preżentata waqt laqgha tal-Kunsill

24.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 fuq paragrafu 22.8 fejn staqsa eżatt x' tabelli riedu tal-Għaqda Baħħa u Sajjieda.

Il-Viċi Sindku spjegat li kellna nagħmluhom tabelli *hard standing facility.*

24.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 4 fuq paragrafu 22.2.11 fejn staqsa li jistgħu jħallu l-karrijiet għal tlett ijiem imma *day tripper* jistgħa jħallih għal ġurnata.

Il-Viċi Sindku wieġbet illi d-*day trippers* tghajnihom ċans tlett ijiem umbgħad wara tlett ijiem jitneħħa il-karru.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri spejga li *day tripper* jista jkun jvara filghodu u jtellgħa filgħaxija, jista jkun ukoll jvara filgħaxija u jtella l-għada fil-għaxija jew inkella jagħmel jumejn. Huwa kompla jispjega li l-importanti mhux jħalli l-karru xi ġimgħa.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 8 fuq it-tieni paragrafu fejn talab spjegazzjoni għaliex ma fehemx.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi qabel ma jsiru ċertu xogħolijiet ma tistax issir it-triq alternattiva f'Bellavista.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud daħlet għal-laqgħa fis-6.20pm***

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 10 fejn staqsa jekk l-ittra lir-residenti bgħatnijiex sabiex jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom u proposta ta' kif nistgħu intejbu Marsaskala.

Il-Viċi Sindku ssuġġerit illi jekk ser noħorġu l-*magazine* nistgħu ngħamluha mal-*magazine* sabiex minn irid jibgħatilna s-suġġerimenti għal Marsaskala aħjar.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk hux ser tkun fuq *traffic management* biss.

Il-Viċi Sindku qalet li ma ngħamluhiex fuq *traffic management* biss għaliex hemm ħafna affarijiet x'jistgħu jsiru.

- ***Is-Sindku daħal għal laqgha fis-6.30pm u presjeda bil-laqgħa***

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li jkun aħjar jekk niffisaw data u ngħamlu *public consultation* għaliex sakemm joħroġ il-magazine ser jgħaddi iż-żmien.

Is-Sindku qal li l-magazine ser joħroġ għal Ottubru jew Novembru.

Il-Kunsill qabel sabiex intellgħu l-avviż fuq il-*facebookpage* tal-Kunsill, nitolbu lil Kappillan jħabbar waqt l-Avviżi tal-quddies u anke npoġġuhom fin-*noticeboards* tal-lokal.

24.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 11 l-ewwel paragrafu fuq il-*multistorey car park.*

Is-Sindku spjega illi flimkien mal-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri iltaqu mar-rappreżentanti tal-Ministeru ta' l-Onor Ian Borg, l-Onor Aaron Farrugia u l-Onor Miriam Dalli. Filwaqt li l-Viċi Sindku kienet prezenti għal laqgħa mal-Onor Miriam Dalli.

Is-Sindku kompla jispjega illi peress li f'din il-laqgħa kien hemm iktar minn Ministeru wieħed allura ġie ssuġġeriet illi l-*multistorey car park jsir below street level* u fuq jsir *park* jew *open space*.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li ser jkunu hemm ħafna skavar u ser nżiedu mal-problema mar-rimi tal-materjal tal-kostruzzjoni.

Is-Sindku qal illi l-proposta ġiet milqugħa u ser tgħaddi għal stadju ta OPM.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li qed jsiru diversi laqgħat u anke jiġu Ministri fil-lokal li l-Kunsilliera ma jkunux infurmati bihom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-laqgħa tal-*multistorey car park* issemmiet f'laqgħa preċedenti filwaqt li s-Sindku qal li huwa kien infurmat li ġej il-Ministru f'Marsaskala ġurnata qabel biss. Huwa qal illi minħabba r-restrizzjoniet tal-Covid jkun mitlub sabiex ma jattendux ħafna nies u hu jinforma lil Kunsillier ikkonċernat.

24.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 11 paragrafu 22.7.5 fejn informa lil Kunsilliera li huwa ma għadux il-President tal-Kunsill skolastiku tal-Skola Primarja St'Anna għaliex din il-kariga ingħatat lil persuna oħra u irringrazzja lil Kunsill li kienu proponewh.

Is-Sindku informa lil Kunsillier li peress li l-Kunsill ta' Marsaskala ser jibda jiforma parti mir-Reġjun ta' Nofs in Nhar, huwa ssuġġerrixxa illi għal dan il-laqgħat jibqa jattendi il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud kif kien jgħamel meta konna niffurmaw mar-Reġjun Xlokk.

24.2.8 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq paġna 3 paragrafu 22.2.9 fejn informa lil Kunsillier illi *ż-zebra crossing* ta' Triq il-Qaliet kif taqbeż l-isparkle image qed taħdem bid-dawl u kompla jgħid illi dik ta Triq il-Qaliet ħdejn il-*Js Ironmongery* hemm bżonn li ssir tad-dawl ukoll għax qeda perikoluża minn wara li kienu għamlu it-triq ma reġux għamluha kif kienet.

Il-Kunsill qabel illi iż-*zebra crossing* ta' Triq il-Qaliet ta' ħdejn il-JS Ironmongery issir tad-dawl minflokk bl-LED kif kienet.

Is-Sindku qal illi ftit iktar l-isfel saret talba għal *zebra crossing* oħra minħabba persuna li għanda żewġ it-tfal bi bżonnijiet speċjali.

24.2.9 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq paġna 13 fuq is-CCTV camers ta' ħdejn il-*bring in sites*. Huwa qal illi qed jingħataw ħafna citazzjonijiet pero` jekk il-kuntrattur ser jibqa jbattal biss darba fil-ġimgħa aħna xorta qed nonqsu.

Is-Sindku qal illi l-iktar skips li jkunu mimlija huwa tal-karti u l-metal, huwa qal illi minn mindu sakkarnijom qed tkun iktar ikkontrollata s-sitwazzjoni. Huwa qal li tal-ħġieġ ġieli ma jkunux mimlija.

Il-Viċi Sindku qalet li ta' ħdejn Villa Sant'Anna qed tkun abbużata għax qed jkun hemm ħafna *white goods* mormija. Hija kompliet tgħid illi minn qed jmur jarma kif suppost u jsibhom mimlija minħabba l-abbużi li qed jkun hemm qed jispiċċaw jħallu l-iskart ħdejn il-*bring in site* għax jkunu mimlija u jaqilgħu ċitazzjoni.

Is-Sindku qal li ser jitwaħlu *stickers* mal-iskips sabiex in-nies jkunu infurmati li ma jistgħux jarmu mal-art.

Il-Viċi Sindku staqsiet jekk tistax issir waħda minn dawn it-tabelli ħdejn is-*substation* ta' Triq il-Granmastri għaliex qed jarmu ħafna imbarazz in-nies hemm.

Is-Sindku qal illi tabella biex ma jarmux skart diġa hemm u tal-*bulky refuse* ġabar ħafna affarijiet minn hemm. Huwa qal li ser jmur jiċċekja u jekk affarijiet li jridu jinġabru ser jsir dan.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li huwa mhux jiġġustifika minn qed jarmi ħdejn l-iskips. Pero` lanqas huwa ġust li dawn l-iskips mhux qed jitbatlu darbtejn fil-ġimgħa u għaldaqstant qed jsibuhom mimlija.

Is-Sindku qal li meta persuna jsib l-iskip mimlija għandu jew imur jarmi ġo skip oħra jew joħodhom lura miegħu d-dar. Huwa qal li wieħed ma jridx jinsa illi hemm is-servizz ta darbtejn fil-ġimgħa li l-iskart riċiklatt jinġabar minn quddiem il-bibien.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li huwa xorta ma jistax jifhem x'inhi il-problema biex il-kollettur jbattal l-iskips darbtejn fil-ġimgħa.

Is-Sindku qal li irridu nimxu id f'id mal-kollettur ma rridux ninsew li l-Green Mt ħallas għal *cameras* li saru ħdejn il-*bring in sites*. Huwa qal li ser nappliakw għal-*cameras* ukoll ħdejn il-*bring in sites* ta' Triq il-Btieti u Triq Għaxqet l-Għajn.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli issuġġerixxa illi nżiedu iż-żoni tal-bring in sites jekk għanda din il-problema.

Is-Sindku wieġbu illi jekk ser iżżid iż-żoni trid tgħamillhom il-*cameras* għaliex inkella ser iżżied mgħatab ieħor. Huwa kompla jispjega illi dawn jinvolvu ammont konsiderevoli ta spejjeż biex iżommom u anke ser ngħatu ċans sabiex nieħdu rendikont tal-ispejjeż fix-xahar u nkelmu lil Lesa peress li l-Kunsill mhux qed jdaħħal xejn miċ-ċitazzjonijiet u joħroġ l-ispejjeż fix-xahar

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi diġa qed jkun hemm il-bins imfawrin bil-kaxxi tat-*take away* fi Triq i-Xatt u is-soltu it-tbattil ta' dan il-*bins* jiżdied.

Is-Sindku wieġbu li dalwaqt ser jkun hemm 15 il-*bin* ieħor li ġew mogħtija minn MTA.

24.2.10 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 15 paragrafu 22.9.4 jekk għandiex risposta fuq installazjoni ta' katusi tad-drenaġġ fil-Bidni.

Is-Sindku qal li kiem tkellem mas-CEO is-Sur Ivan Falzon fuq il-gandott tal-ilma u anke fuq il-ħmieġ li ħallew il-ħaddiema pero` ma tkelmux fuq id-drenaġġ.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li kien bħal issa fetħu gandott sdabiex jgħaddu il-pipijiet tal-ilma tat-tieni klassi, għandu jgħaddu is-servizz tad-drenaġġ għaliex ir-residenti tal-Bidni ilhom snin mingħajr sistema tad-drenaġġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li mill-istess gandott tal-ilma ma jistgħux jgħaddu is-servizz tad-drenaġġ.

Il-Kunsill qabel li issir laqgħa mas-CEO is-Sur Ivan Falzon sabiex jiddiskuta in-nuqqas ta' sistema tad-drenaġġ ġewwa l-Bidni.

24.2.11 **<u>Laqgħa Nru 23 tas-17 ta' Mejju 2021:</u>**

Ma kienx hemm *matters arising.*

24.3 ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

24.3.1 **<u>Log Book tal-vannijiet tal-Kunsill:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*log book* tal-van tal-Kunsill KLM 035.

24.3.2 **<u>ERA – Regolament dwar l-iskart (35/1383/21/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi skond ir-regolamenti tal-ERA kull kunsill għall kull 2000 abitant jrid ikollu il-*bring in sites*.

Il-Kunsill qabel sabiex nibgħatu l-lista tal-*bring in sites* li għanda fil-lokal.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri daħal għal laqgha fis-7.05pm***

24.3.3 **<u>Applikazzjoni għal moveable kiosk Bajja San Tumas (35/1545/21/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din tirrigwarda il-kiosk ta' San tumas tal-fajtata, fejn anke tkellem mal-Kunsillier il-Perit John Schembri u jidher ċar mill-kuntentut tar-rikors li dan l-individu fetaħ kontra l-*Lands*, għaliex l-awtorita` tal-artijiet ma tridx li dan il-kiosk jkun jarma il-fajtata kif ukoll li jkollu imwejjed u siġġijiet. Huwa kompla jaqra li dan ir-rikors kien deċiż favur l-Awotrita` tal-artijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill qed joħroġ permessi ta' kull ġimgħa għal imwejjed u siġġijiet u issa la l-awtorita` tal-artijiet qed tiċħad li jkun hemm dan il-kiosk, kif ukoll il-ħruġ ta'mwejjed u siġġijiet allura u staqsa jekk il-Kunsill għandux jieqaf milli joħroġ dawn il-permessi.

Is-Sindku qara komunikat mingħand l-Aworita tal-artijiet datat wara ir-rikors fejn qed titlob lil dan l-individu sabiex jottjeni il-permess tal-kiosk mingħand l-*Planning*.

Il-Kunsillier il-Perit John Schembri qal illi l-Awtorita` tal-Artijiet wara li dan l-individu jkollu il-permess tal-*planning* umbgħad tiddeċiedi jekk jingħatax permess jew le li jitħalla li jpoġġi l-kiosk l-art inkistjoni.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kienx qabel li dan il-kiosk jkun *fixed structure*.

Il-Viċi Sindku staqqsiet jekk kienx hemm *enchrochment*.

Is-Sindku qal illi l-kiosk jitpoġġa ġo parkeġġ u l-imwejjed u siġġijiet jitpoġġew f'art li ma tintużax.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-Kunsill qed jgħati lil dan l-individu dak kollhu li l-awtorita` mhux qed ittih għaliex il-permess tal-imwejjed u siġġiet huwa għal *one time event* bħal festa u mhux minn ġimgħa għal ġimgħa. Huwa kompla jgħid illi mhux minnhu din l-art ma tintużax għaliex hemm il-bankijiet hemmek.

Il-Kunsill qabel illi ma jibqax joħroġ il-permess tal-imwejjed u siġġijiet.

24.3.4 **<u>Petizzjoni għal bdil ta' rotta Bus 91:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li peress li kien hemm Triq San Ġwakkin magħluqa dawn l-aħħar xhur is-servizz tar-rotta bus 91 kien qed jitlaq miż-Żonqor u issa li Triq San Ġwakkin reġet infetħet ir-residenti ta' Żonqor ġabru petizzjoni sabiex il-bus 91 tibqa tgħaddi minn Żonqor għaliex tolqot 6 *stages* oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li huwa kien ser jgħaddi mozzjoni fuq hekk.

Il-Viċi Sindku qalet li nistgħu niproponi li l-bus 92 tgħaddi minn Triq il-Blajjiet.

Is-Sindku qal li hemm bżonn xorta li jkun hemm *circulation van*.

Il-Kunsillier is-Sur charlot Mifsud qal li jjiġu alternate.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jrid jkun hemm numru ieħor għaliex inkella jitħawdu

Il-Kunsill qabel imma nitolbu sabiex il-route bus 91 tibda tgħaddi minn Triq il-Blajjiet minflokkk Triq San Ġwakkin.

24.4.5 **<u>Memorandum ta' ftehim dwar il-ħaxix sevaġġ:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-assoċċjazzjoni tan-naħla tixtieq tagħmel ftehim sabiex il-ħaxix ħażin sal-31 ta' Mejju ma jinqatax.

Il-Viċi Sindku qalet li eżempju il-ħaxix ta' madwar il-konok tal-palm jistgħa jitħalla.

Il-Kunsill qabel li issir laqgħa magħhom.

24.4.6 **<u>Skema 2021-2022 biex isir ngaġġ ta' uffiċjal tal-komunita steward għat-trattament xieraq tal-annimali biex jaħdem fil-lokalitajiet f'Malta u Għaxdex:</u>**

Il-Viċi Sindku qalet illi din hija skema sabiex tiġi ingaġġata persuna għal perjodu ta' 18 il-xahar sabiex din il-persuna fost responsabitajiet oħra fi ħdan il-ħarsien tal-annimali tkun tista tassistenti mnflokk il-persuni volontarji bħal per eżempju persuna li taqbad l-qtates tan-*neutering* ma tkunx tista. Din il-persuna ser jitħallas mill-iskema.

Il-Kunsill qabel unanimanet li napplikaw.

24.4.7 **<u>Korrispondenza urġenti Kunsillier ta' Kunsillier ta' Marsaskala mressaq il-qorti:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li irċevejna email mingħand resident permezz ta' email sabiex niddiskutu din il-materja waqt il-laqgha tal-Kunsill u qal li il-komunikazzjoni li titressaq waqt il-laqgħa tal-Kunsill hija għad-deċiżjoni tas-Sindku u tiegħu. Huwa kompla jgħid li meta komunikazzjoni tkun titratta fuq xi Kunsiller din l-ewwel tiġi diskussa mal-Kunsillier jekk għandiex titressaq jew le.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din hija l-aħħar darba li ser jressaq komunikat li fiha isem u kunjon biss. Huwa qal li kull komunikazzjoni jrid jkun fija il-karta tal-identita u anke *contact number* ħalli f'każ li jkun jrid jikkuntatja lil dan ir-residenti u jiddiskuti miegħu qabel ma titressaq il-komunikat għal-laqgħa tal-Kunsill jkun jista jsir dan. Huwa kompla jgħid li dan ukoll sabiex jiġu evitat ċertu sitwazzjonijiet anke ta' libell. Huwa kompla jgħid li din il-materja ma tinvolviex ix-xogħol tal-Kunsill u direttament ma għadniex x taqsam mal-Kunsill u hemm l-involviment tal-Qorti. Huwa qal li huwa mhhux obbligat li jiddiskuti affarijiet li għad jridu jiġu diskussi il-qorti u din hija materja delikata.

Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem mal-Kunsillier ikkonċernat u staqsieh jekk jridx li dan il-komunikat jiġi diskuss. Huwa reġa saqsa lil Kunsillier ikkonċernat.

Is-Sindku qal li dan il-komunikat ġiet permezz ta email, iżda qal li dan il-persuna kien avviċinah fuq il-midja soċjali pero` hu ma kienx irrispondih għaliex ma kienx jaf xejn fuq din il-materja

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li għandu jinqara dan il-komunikat kollhu ħalli ma jkunx hemm dubji.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-email.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li jista jgħażel li ma jwieġibx imma ma għandux x jaħbi u ċaħad kull allegazzjoni imsemmija f'dan il-komunikat. Huwa qal li hemm seduta tal-Qorti f'Novembru u jistenna li ssir din is-seduta.

Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qal li l-Kunsill ma jistax jiddiskuti materja bħal din la hemm kawża il-qorti.

24.4 **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara il-mistoqsija Nru 22 mresqa mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri fejn staqsa dan il-ġej:

*Nistaqsi jekk min qed jagħmel ix-xogħol fuq din id-dar għandux permess biex jiżgombra nofs l-isqaq.*

1. *Jekk iva meta u kemm se jdum fis-seħħ il-permess?*
2. *Kemm ħallas flus tal-permess biex żgombra sa issa*
3. *Jekk m'għandux permess għal liema raġuni tħalla jokkuppa l-art illegalment.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li depożitu ta'materjal fit-triq jrid jsir bil-permess u hemm ħlas għal kull ġurnata u huwa qal li ma kellna l-ebda talba fuq dan ir-rigward.

Is-Sindku qal li huwa kellem l-individu u qal li permess tal-iscaffolding ma kellux għalfejn jagħmel għaliex kien fuq il-bankina u mhux taħt il-bankina u qal ukoll illi dan huwa sqaq li jgħaddu minnu bir-rieġel u mhux bil-karozzi u ma hemmx żgombru. Huwa kompla jispjega illi dan il-ġebel tpoġġa hemm għaliex kellu problema ta' drenaġġ ġol propjeta u peress li dan il-ġebel jird jerġa jintuża infatti għalhekk qiegħed innumerat b'hekk poġġih barra.

Is-Sindku qal li kien nuqqas min-naħa tal-Kunsill kollhu li qatt ma ġibdulu l-attenzjoni li jrid jgħamel il-permess pero` huwa qal li hu personali kien jaf li ser joħroġ il-ġebel barra u qatt ma qallu li kellu bżonn permess.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qatt ma kellna persuna li tmur tiċċekja dawn l-affarijiet bħal meta kien hemm il-wardens.

Il-Viċi Sindku qalet li kien il-mertu tal-*contracts manager* ukoll.

Il-Kunsillier is-sur John B Camilleri qal li kull minn jrid jpoggi skip jrid jgħamel permess u jħallas kull ġurnata u dan l-istess għandu jsir.

Is-Sindku qal li ma għandiex nitolbuh jħallas ta kemm ilhu hemm il-ġebel għaliex dak kien nuqqas tal-Kunsill u għada ser jinforma lil dan l-individu illi jew idaħħlu ġol-propjeta tiegħu jew inkella jiġi jgħamel il-permess tad-depożitu tal-materjal.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lil Kunsilliera jekk jaqblux li jekk dan l-individwu ma jistax jħalli l-knaten barra jekk jaqblux li ngħamlulu il-permess tad-depożitu ta' materjal.

Il-Kunsill qabel dwar dan imbasta ma jkunx ta periklu.

Il-Kunsillier is-Sur ryan Portelli qal li għanda noqgħodu ukoll attenti tal-binja tal-Kunsill stess.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li il-Kunsill għandu it-titlu tal-ġnien kollhu minbarra tal-klabb tal-boċċi u jħallas il-kera ta dan.

Is-Sindku qal li għandna nitolbuh il-pjanta ħalli jekk għandu xi biċċa mal-binja li hija tiegħu forsi jkun jista jpoġġi l-ġebel hemm.

Il-Viċi Sindku qalet li huwa ix-xogħol tal-*contracts manager* li jiċċekja li jkollom il-permess.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li titkejjel l-*area* u jħallas skond il-permess.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li għanda tinġibidlu l-attenzjoni li suppost kellhu jgħamel permess u jekk ser jħallih barra għadnu jħallas il-permess għal kull ġurnata li ser jħallih barra.

Il-Kunsill qabel unanaimament illi għada ser jkelmu is-Sindku

24.5 **<u>Rapporti:</u>**

24.5.1 **<u>Rapport ta' kull Kwart 1 (Jannar sa Marzu 2021):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega dan ir-rapport

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart 1 (Jannar sa Marzu 2021) u l-Kunsillier il-Perit John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

24.6 **<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>**

Ma kienx hemm items oħra.

24.7 **Korrispondenza:**

24.7.1 **Karozzi abbandunati (35/1431/21/O):**

Is-Sindku qabel illi qabel kien ikollom ċans 6 xhur meta jkollok karozza bil-liċenzja magħluqa u issa bidluha għal xahar u huwa spjega il-proċedura li l-Kunsill jgħamel fil-preżent. Huwa qal li min-naħa ta Tmalta tieħu ħafna żmien biex tinġabar min-naħa tagħhom u jekk inkomplu ngħamlu il-proċedura aħna ma nintlewx b'dawn il-karozzi fuq direttiva tas-Supretendent. Huwa qal li karozzi bil-plates barrannin dawk ma niġbruhomx aħna imma ngħidu lil Tmalta.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

24.7.2 **AGM f'Ottubru ġewwa Ċipru (35/1444/21/I)**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn talbu sabiex jitilu 2 delegates u 2 non delgates li jridu jħalsu huma.

Is-Sindku qal li tkellem mal-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli jekk jridx jitla peress li huwa il-Kunsillier inkarigat mid-douzelage pero minħabba impenji personali ma jistax jitla.

Is-Sindku qal li issoltu jitilu l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u hu bħala delegates u is-Sinjura Grace Calleja titla bħala *non delegate*. Huwa qal li jekk ikun hemm xi Kunsillier li jrid jitla bħala *non delegate* ma għandu jħallas hu imma jħallasu il-Kunsill.

Is-Sidnku staqsa lil Kunsilliera minn jrid jitla pero l-Kusnillier is-Sur John B Camilleri, l-Kusnillier Dr Errol Cutajar u s-segretarju Eżekuttiv qalu li ma jistawx.

Is-Sindku qal li probabilmetn l-AGM f'Malta ser jsir 2024

Il-Kunsill qabel illi *delegates* ser jkunu is-Sindku u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u *non delegate* s-Sinjura Grace Calleja u iktar tard ser jikkonferma in *non delegat person* oħra, f'każ li tkun Kunsillier allura jitħallas mill-Kunsill.

24.7.3 **Ħaddiema tal-Community workers scheeme (35/1378/21/I)**

Is-Sindku spjega illi għadna persuna oħra magħna mill-*community workers scheme* is-Sur Pavia, li din qeda tassisti lil ħaddied tal-Kunsill.

24.7.4 **Vending Machine fil-Lokal (35/1101/21/I)**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan ir-resident jrid li jpoġġi *vending machine* fi triq ix-Xatt fuq il-promenade u ma qalx x'ser jbigħ fil-*vending machine*.

Il-Kunsill qabel unanimament li ma ssirx.

- ***Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ħareġ mill-laqgħa fit-8.30pm***

24.7.5 **Group life policy member eletti (35/1101/21/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din diġa applikajna mal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Kunsilliera minbarra lil Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud għax mhux eleġibli għalija.

24.7.6 **Ħsarat fil-vettura (35/1116/21/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sur Najeh Khalifa qed jitlob għar-rimbors fuq it-tyre tal-vettura tiegħu Anna 1 minħabba culvert fi tRiq ix-Xatt għal ammont ta' €150.

Il-Kunsill qabel li jtih rimbors ta 70% li jammonta għal €105.

24.7.7 **Proposal for summer training in your community TCTC (35/1130/21/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-korsijiet jikkonsistu fuq Robitica, Coding u A1 immarati li jsiru f'Mejju għal prezz ta' €2000

Is-Sindku staqsa jekk inħalsu għal kull individwu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li irrilevanti kemm jkun hemm studenti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li ġieli ġibniex kwotazzjoni ta' ħaddieħor.

Is-Sindku qal li ilhu 14 il-sena dejjem jgħamel il-korsijiet l-istess persuna.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet li tista toħroġ *expression of interest* ukoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din tista toħroġ expression of interest.

Is-Sindku qal li iktar ninegozjaw mat-TCTC li nħalsu għal kull persuna għalkemm tista ma tiffavorixxix il-Kunsill.

Id-diskusjoni tkompliet illi għanda niċċarġjah tal-użu tal-premises bħala ma ngħamlu fil-każ tal-Leap.

Il-Viċi Sindku qalet illi is-servizz tal-Leap huwa mingħajt ħlas imma xorta niċċarġjahom għal użu tal-premises filwaqt li l-korijisiet tal-computer inħalsu għas-servizz u ma niċċarġjawhx għal premises.

Il-Kunsill qabel li niċċekjaw kemm nikkarġjaw lil Leap u nitolbu l-istess ammont lil TCTC.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud staqsiet kemm attendew studenti għalih dan il-kors.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-sena l-oħra minħabba l-Covid ma kienx sar.

Il-Kunsill qabel li dan il-kors jsir pero jitnaqqas l-ammont tal-kirja bħal ma niċċarġjaw lil Leap.

24.7.8 **Log Book tal-Vettura CBX 302:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta il-log tal-vettura CBX 302.

24.7.9 **Kuntratt Green MT (35/0905/21/I):**

Din il-materja diġa ġiet diskussa 24.2.9.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri reġa qal li la l-*bring in sites* suppost jitbatlu 3 darbiet fil-ġimgħa allura x'inhi il-problema biex jitbatlu 2 fil-ġimgħa.

Is-Sindku qal li tlabnih biex jitbatlu 2 fil-ġimgħa u filkas nerġu nibgħatlu *reminder*. Huwa kompla jgħid illi huwa tal-opinjoni li jitneħħewi l-*bring in sites* li s-servizz tagħhom jinġabar minn quddiem il-bibien darbtejn fil-ġimgħa.

Il-Viċ Sindku qalet illi wieħed jrid jara l-esiġenzi tal-lokal tagħna u b'hekk għandhom jitbatlu darbtejn fil-ġimgħa.

Kien hemm qbil li nerġu nibgħatulu reminder.

Is-Sindku qal li ser nitolbu lil Lesa peress li qed jdaħlu l-flus kollha huma taċ-ċitazzjonijiet imqar jħalsu il-kont tad-dawl.

Id-diskussjoni tkompliet fuq il-kuntrattur tal-Green MT.

Is-Sindku qal li ġieli kien hemm ġranet illi anke il-kuntratti tal-iskart tagħna bagħttlu tal-*mixed waste*.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li fil-kuntratt għandu imniżżel mill-inqas tlett darbiet.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li dan lanqas darba mhux qed jiġbu aħseb u ara tlett darbiet.

Il-Viċi Sidku qalet li l-importanti li jkollna il-lokal nadif

Il-Kunsill qabel li nibgħatu reminder

24.7.10 **<u>Estensjoni tad-Deputat Segretarju:</u>**

Is-Segretarju Eżekttiv reġa innomina lis-Sinjura Lucille Bonnici.

Il-Kunsill qabel unanimament

24.7.11 **<u>Emenda tal-Bye Law tal-Karavans:</u>**

Is-Sindku qal li meta għamilna l-*bye law* fil-pjanta ma ġietx immarkata l-area kollha infatti ġie immarkat biss sa ftit qabel il-fajtata u għaldaqstant il-fajtata ġiet eskluża.

Il-Viċi Sindku staqsiet li la darba ser tiġi emendate il-byr jekk nistgħux gazeboo li ser tintrama ġurnata tkun tista tiġi mgħaluqa mil-ġnub. Hija kompliet tgħid li din inkella tmur kontra il-*health and safety* għaliex wieħed jista jgħamel dell.

Il-Kunsillier John B Camilleri qal li umbrella jista jkollok u allura gazebo jista jkollok ukoll.

Is-Sindku qal li din l-istess bħal *campers* meta minn għandu *campers* jħallas il-liċenzja bħal tal-vetturi u ma jitsax jifhem kif ma jistax jipparkjah ġo parjekk għall iktar minn ġurnata, basta ma joqgħodx fih.

Il-Viċi Sindku qalet li hija ukoll xi ħaġa li ma tgħamilx sens meta fuq il-moll fil-Bajja ta San Tumas għandek it-tabella li ma jistax issir BBQ.

Is-Sindu qal lihemmek maqsum min-nofs iżda il-linja li tindika dan ma ġietx miżbugħa.

Kien hemm qbil illi t-tabella li hemm titneħħa.

Is-Sindku qal li gazebo fuq ir-ramel ser toħloq problem.

Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qal li gazebo jistgħa jintrama.

Il-Viċi Sindku qalet li anke tal-*camping* mhux qeda sewwa li ma jistgħax jintrama għal weekend għaliex neħħejnilhom l-iżvogg ta kollox.

Is-Sindku qal li dawn jispiċċaw jinżlu xi sitt familji bil-kampijiet u jgħalqulek bajja.

Il-Kunsillier is-Sur John b Camilleri qal li l-problema li kellna hija li kienu qed jispiċċaw jarmaw bil-*pellets*.

Il-Viċi Sindku qalet li għalhekk għandu jkun hemm deignated areas u qed jkollha ħafna ilmenti min-nies.

Is-Sindku qal illi ma jista qatt jkun hemm infurzar la ma jkunx hemm bylaw fir-rigward tal-bbq.

Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qal li ġurnata bil-*camping* tista toqogħod. Huwa kompla jħid illi il-legal notice tippermetti imma

Il-Viċi Sindku qalet illi lanqas hu sew li jkun hemm persuna bil-gazebo u ma tista tatti il-ġnub.

Is-Sindku qal illi jekk ikun hemm persuna illi tati il-gazebo mill-ġenb mhux ser jkelmu xi ħadd.

Il-Viċi Sidku qalet li meta hemm *sign no gazebo* hekk lanqas għal ġurnata ma jistgħu jpoġġu gazebo. Hija qalet li s-sign qeda ħażin.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li meta għandek bajja żgħira bħal din ta' San Tumas ser tispiċċa tiġi appukata kollha bil-gazebos.

Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qara l-*legal notice*. Huwa qal li ma hemm xejn li ma tistax tarmax iż-Żonqor.

Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Dr Errol Cutajar u s-Sindku jgħamlu l-emendi neċessarji.

24.7.12 **Żieda ta' Notch tas-Sinjorina Chantel Zammit:**

Il-Kunsill qabel unanimament illi is-Sinjorina Chantel Zammit tipprogressa għal Skala 11 point 6.

24.8 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Petty Cash* ta' April u Mejju 2021

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

24.9 **Mozzjonijiet**

24.9.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar (#063-3/5/21):**

*"Jipproponi illi l-gutters kollha ta' Triq ix-Xatt jiġu irranġati u jitneħħa dan il-periklu u nkonvenjent. Kif jidher ukoll hemm partijiet tal-kurduna miksurin biex jittranġaw sew."*

Il-Kunsill qabel unanimament.

24.9.2 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku is-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri (#064-3/5/21):**

*"Jipproponi li l-Kunsill jitlob lill-Public Transport li s-servizz tal-linja li titla Zonqor jibqa frekwenti kemm jista jkun."*

Din il-mozzjoni ġiet diskussa iktar kmieni f'din il-laqgħa.

24.9.3 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku is-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri (#065-17/3/21):**

*"Jipproponi li tinħareġ ir-rivista tal-Kunsill."*

Il-Kunsill qabel li tinħareġ Ottubru/Novembru u tkun online ukoll.

24.9.4 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri u ssekondata mill-Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Falzon (#066-3/6/21):**

*"Jipproponi li l-Kunsill jitlob laqgħa ma Infrastructure Malta."*

Il-Kunsillier isSur John B. Camilleri qal li hawn ħafna xogħol li qed jsir li għandhom bżonn informazzjoni fuqhom.

Il-Viċi Sindku qalet li l-moll li sar fil-Bajja San Tumas sar ħażin

Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mal-Maritime Is-Sinjura Janice Brog u mal-Ifrastrucutre Malta is-Sur Fredrick Azopardi

24.9.5 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku is-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri (#067-14/6/21):**

*"Jipproponi li qabel ma jmutt xi ħadd jew jinħoloq xi nċident gravi tat-traffiku, jitneħħew il-bejjiegħa tal-ħaxix minn Pjazza Dun Tarċis u jiġu trasferiti għal Triq Santa Tereża qrib Villa Mondello."*

Il-Kunsill qabel unanimament mill-1 ta' Lulju 2021 u jsiru tabelli ħalli ħadd ma jipparkja minflokom inkluż tal-ħut.

24.9.6 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Ryan Portelli u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri (#068-14/6/21):**

*"Jipproponi sabiex tiġi installata mera fil-kantuniera bejn Triq il-Miklem Malti u Triq il-Kavallieri ta' Malta, biex il-vetturi li jkunu niżlin minn Triq il-Miklem Malti, tkun eħfef għalihom biex joħorġu mit-triq."*

Il-Kunsill qabel unanimament

24.10 **Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-10.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 23 t'Awwissu 2021 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 12 ta' Lulju 2021.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |